



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0145(COD)

13157/1/18
REV 1

CODEC 1673
DAPIX 315
JAI 1006
COMIX 561
SIRIS 136
VISA 271
EURODAC 25
SCHENGEN 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-30 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta ta' hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 74, l-Artikolu 77(2)(a) u (b), l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1)(d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2) TFUE²³⁴, lill-Kunsill.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-4 ta' Lulju 2018. Wara li l-Parlament approva corrigendum għal dik il-pożizzjoni waqt is-sessjoni plenarja tiegħu bejn l-1 u l-4 ta' Ottubru 2018, l-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab f'PE-CONS 29/18, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss bir-Renju Unit jastjeni;

- jordna li d-dikjarazzjoni fl-addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ 10820/17.

² Bis-saħħa tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/..., ir-Renju Unit ġie awtorizzat jieħu sehem f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardaw l-Eurodac u d-DubliNet, ir-Renju Unit, permezz tal-ittra tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2017 lill-President tal-Kunsill, innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-Renju Unit għalhekk jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa marbut bih u huwa soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

³ L-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħha skont il-Protokoll Nru 19 u Nru 21.

⁴ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁵ 10714/18.